MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# DSS

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 12/2002/1

**Polly Sant**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Frar, 2002 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Dan l-appell ipprezentat fl-4 ta' Lulju 2001 jaqra hekk:-

"*Il-klijenta tieghi thoss illi d-decizjoni tad-Direttur fir-rigward ta' l-ghajnuna socjali ma hix gusta stante illi:-*

*1. Fl-ewwel lok hija tikkwalifika skond il-ligi sabiex tiehu l-Ghajnuna Socjali; u*
*2. Fit-tieni lok, il-kapital illi skond id-Direttur gie trasferit mill-klijenta tieghi minn fuq isimha sabiex*

*tikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali, qatt ma kien proprjeta' taghha imma kien dejjem jappartjeni ghat-tifel taghha Carmelo Sant.*

*Ghaldaqstant il-klijenta tieghi ma taqbilx mad-decizjoni fuq imsemmija u a bazi tar-ragunijiet fuq premessi qieghda ghalhekk tressaq il-kaz taghha quddiem l-Arbitru sabiex id-decizjoni tad-Direttur tigi riveduta*".

Risposta tad-Direttur:-

"*Id-Direttur jissottometti bir-rispett li dan il-kaz huwa preskritt skond is-Subartikolu 3 ta' l-Artikolu 108 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kapitlu 318).*

*Qed jigi mehmuz kopja tad-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali dwar il-kaz imsemmi li jgib id-data tad-18 ta' April 2001. (Dok A u B).*"

Jirrizulta li d-decizjoni tad-Direttur intbaghtet lill-appellant fit-18 ta' April 2001 filwaqt li l-appell gie intavolat fl-4 ta' Lulju 2001. Carmel Sant, il-prokuratur tal-appellanti, spjega illi meta irceva din id-decizjoni huwa kien mar l-Area Office tar-Rabat biex isaqsi dwar x'hiex kienet u sostna li ufficjal fl-area office, Carmel Debono, cempel il-Head Office izda ma setghux jaghtuh risposta stante li fuq l-ittra tad-Dipartiment ma kienx hemm indikat il-case number. L-appellant jallega li l-ufficjal qallu biex jistenna halli jircevi karta ohra liema ittra ohra qatt ma rceva.

Carmel Debono xhed illi ma jiftakarx jekk Carmel Sant kienx mar ikellmu wara d-decizjoni tat-18 ta' April 2001 u ghalhekk ma setax jikkorrobora o meno dak li qal Carmel Sant. Pero' spjega li meta jmur xi hadd b'decizjoni tad-direttur u fuqha ma jkunx hemm il-'case number' huwa jitlob in-numru tal-karta ta' l-identita' tal-beneficcjarju.

Mill-kumpless tal-provi ma jirrizultax li hemm ragunijiet validi ghaliex l-appell ma giex intavolat fit-terminu ta' tletin jum stipulat mil-ligi. L-ittra li rceviet l-appellanti kienet tavza b'mod car it-terminu li bih ried isir l-appell. In-

nuqqas ta’ osservanza ta’ dan it-terminu iwassal ghad-dekadenza mid-dritt li wiehed jappella.

Ghaldaqstant l-Arbitru jiddikjara dan l-appell tardiv u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.”

Mid-decizjoni ta’ l-Arbitru (Nru 17/02) moghtija fit-18 ta’ Frar 2002 (fol 9) appellat ir-rikorrenti bl-aggravju illi n-nuqqas taghha li ma ressqetx l-appell lill-Arbitru fit-terminu statutorju kien dovut ghal mankanzi u nuqqasijiet tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali.

L-appellanti tiggustifika l-posizzjoni taghha f’dawn it-termini:-

i. Hi kienet tippercepixxi zewg beneficcji socjali: wiehed ghall-ghajnuna medika u l-iehor ghal pensjoni.

ii. Hi appellat mid-decizjoni tad-Direttur meta dan, b’ittra datata 28 ta’ Marzu 2001, gharrafha li ma kenitx aktar intitolata ghall-ghajnuna medika.

iii. Dwar l-ittra tal-istess Direttur tat-18 ta’ April 2001 (fol 19) tafferma li din ma kienx fiha indikazzjoni preciza dwar liema ghajnuna kien qed jirreferi meta avzaha li ma kenitx aktar intitolatha ghall-ghajnuna.

iv. Ergo, minhabba dan il-fatt hi ma setghetx tappella. Ghall-korrettezza jidher mill-ittra tal-Avukat taghha (fol 22) li hi ntavolat appell fil-25 ta’ Gunju 2001.

Issa l-Artikolu 108 (1) tal-Kap 318 jipprovdi ghar-rimedju ta’ l-appell mid-decizjoni tad-Direttur “fuq xi punt ta’ ligi jew principju ta’ importanza” b’dan illi s-subinciz (3) ta’ dan l-Artikolu jistipula t-terminu ta’ tletin gurnata li fih l-appell bil-miktub ried isir lill-Arbitru. Hi prassi li l-avviz dwar din il-procedura u taz-zmien preskritt jingiebu a konjizzjoni tal-beneficjarja fuq ir-retro ta’ l-Avviz li jintbaghtilha.

Kalkolu matematiku semplici necessarjament iwassal ghal konkluzjoni inevitabbli illi l-appell tar-rikorrenti gie

pprezentat tardivament lill-Arbitru. Ghal kuntrarju tat-terminu gudizzjali t-terminu perentorju dettat mil-ligi ma jista' taht l-ebda cirkostanza u ghall-ebda raguni jigi prorogat jew estiz. Fil-Kodici ta' Procedura Civili dan lanqas del resto jista' jigi akkorcjat, hlief f'dawk ic-cirkostanzi mil-ligi mahsuba ("**Joseph Tabone noe –vs- John Mousu` pro et noe**", App. Kumm, 6 ta' Lulju 1993).

Hu principju assodat imbaghad, illi "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita' u nullita' tal-proceduri – "**Giuseppi Caruana –vs- Charles sive Charlie Psaila**", Appell, 21 ta' Marzu 1997.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax takkorda lir-rikorrenti ghal motiv ta' proprjeta' proceduraIi ir-"restitutio in integrum", kif hekk donnha qed tippretendi.

Fil-meritu, imbaghad, ir-rikorrenti ma tinsab bl-ebda mod suffragata f'dak minnha pretiz.

Jirrizulta, mhux kontradett, mill-unika deposizzjoni tax-xhud Carmel Debono (fol 12), welfare officer fl-ufficcju tar-Rabat, illi l-iter in meritu ghal beneficcju tal-pensjoni kien dan:-

(i) Hu baghat "call letter" lir-rikorrenti biex din tmur fl-ufficcju tieghu fil-23 ta' Marzu 2001. Effettivament iben ir-rikorrenti attenda fit-22 ta' Marzu 2001. Skond kliemu stess "*Nikkonferma li din il-"call letter" kienet qeghda issir fir-rigward tas-sospensjoni tal-pensjoni*".

(ii) Hu zied jghid illi mill-minuti tal-file dipartimentali ma kienx jirrizulta illi iben ir-rikorrenti kien irrikorra ghandu wara li ommu kienet irceviet id-decizjoni formali tad-Direttur f'April 2001. Hawn naturalment qed jirreferi ghall-avviz tat-18 ta' April 2001, li dwaru, kif gja inghad, ir-

rikorrenti qed tilmenta li ma kienx fih taghrif dwar liema beneficcju socjali kien qed jirreferi.

(iii) Huwa veru li dan ix-xhud iddikjara li dan binha seta' mar ghandu u ma kellux il-file ghad-disposizzjoni tieghu. Pero' zied jaggungi wkoll illi jekk fl-avviz ma jkunx hemm indikazzjoni tan-numru tal-kaz u tal-identity Card "*jiena nitlob lil min jipprezenta ruhu quddiemi l-karta ta' l-identita` tal-beneficjarju*".

Huwa desumibbli mid-dikjarazzjonijiet ta' dan ix-xhud illi (i) ir-rikorrenti kien gja kellha konoxxenza minn zmien qabel ma rceviet l-avviz formali illi l-beneficcju tal-pensjoni kien ser jigi sospiz u (ii) li r-rikorrenti baqghet passiva wara li rceviet l-Avviz formali tad-Direttur fuq l-istess meritu.

Gustament, imbaghad, kif osserva l-appellat ma tezisti l-ebda raguni jew skuza illi r-rikorrenti ma kenitx taf jew ma setghetx b'daqsxejn bon sens, tkun taf, anke jekk l-Avviz tat-18 ta' April 2001 kien nieqes minn indikazzjoni preciza, illi proprju dan l-istess Avviz kien qed jolqot il-materja rigwardanti l-pensjoni. Dan hu hekk ovvju anke mill-fatt illi r-rikorrenti kienet gja rceviet Avviz formali iehor li kien qed jikkolpixxi l-intitolar taghha biex tkompli tibbenefika mill-ghajnuna medika.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza ta' l-Arbitru konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Dep/Reg
cb